4 ta' Ġunju, 1948.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*.

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Giovanna Caruana *versus* Salvino Scicluna et. (*)

**Preskrizzjoni — Serviġi — Art. 2261 u art. 2256 (1) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Hemm lok għall-preskrizzjoni f'każijiet ta' serviġi jew prestazzjonijiet oħra, avvolja jkun hemm kontinwazzjoni tagħhom. U l-Qrati Tagħna, anki f'każijiet reċenti, applikaw il-preskrizzjoni kwinkwennali meta hemm kontinwità tas-serviġi.*

*Il-fatt li wieħed jitlob lil min jippretendi kumpens ta' serviġi l-kont tal-pretensjonijiet tiegħu ma jfissirx neċessarjament li huwa ammetta l-pretensjonijiet kollha ta' min jitlob il-kumpens, imma jista' jfisser li huwa talab il-kont ta' dak li huwa ċivilment obbligat iħallas. Lanqas jista' dak il-fatt jittieħed bħala rinunzja għaddritt tiegħu li jopponi kull preskrizzjoni li kienet ġà kompjuta favur tiegħu.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attriċi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fejn ippremettiet illi hija għal tul tletin sena għamlet ħafna serviġi u somministrazzjonijiet a favur tal-Monsinjur Dun Giorgio Scicluna u lil ħutu, li tagħhom kien il-werriet, bil-fehma li kellha tiġi kompensata wara mewt l-aħħar mill-aħwa Scicluna; u għalhekk talbet illi l-konvenuti jiġu kundannati jagħtuha u jħallsuha kumpens ġust u adegwat, likwidabili jekk hemm bżonn per mezz ta' periti, għas-serviġi u somministrazzjonijiet fuq imsemmija. Bl-ispej-

(*) Deċiża fuq il-meritu b'sentenza Appell Ċivili tal-5. 11. 48.

jeż tal-kawża, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-21 ta' Novembru 1940;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' rinunzja ta' l-attriċi tal-15 ta' Mejju 1944, in kwantu għat-talba fil-konfronti tal-konvenuti wlied il-mejjet Giuseppe Scicluna, bil-fehma li l-istess talba tibqa' integra in kwantu diretta kontra Dottor Joseph M. Vella;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-31 ta' Marzu 1947, fejn ordnat li jkunu maħruġa mill-kawża, a spejjeż ta' l-attriċi, il-konvenuti kollha barra mill-avukat Dr. Joseph Vella, u ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' ħames snin mogħtija mill-konvenut Avukat Vella, bl-ispejjeż kontra tiegħu; u ċaħdet it-talba ta' l-attriċi, bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi, barra minn dawk tal-perizja, li għandhom jitħallsu żewġ terzi mill-attriċi u terz mill-konvenut minħabba fil-meritu; wara li kkunsidrat:

Illi l-ewwel nett jingħad li l-attriċi fil-15 ta' Mejju 1944 irrinunzjat għat-talbiet tagħha in kwantu diretti kontra l-konvenuti wlied il-mejjet Giuseppe Scicluna, u żammet ferma l-kawża kontra l-konvenut l-ieħor Avukat Dr. Joseph M. Vella..............;

Illi in kwantu għad-domanda bħala li hija diretta kontra l-konvenut Vella, l-attriċi qiegħda tibbaża t-talba tagħha kontra l-patrimonju tal-Monsinjur Dun Ġorġ Scicluna, bħala l-aħħar li miet mill-familja Scicluna, u bħala li fuqu waqa' l-wirt tal-familja kollha, u konsegwentement kontra l-avukat Vella li wiret lill-Monsinjur fuq imsemmi;

Illi dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali miġjuba 'il quddiem mill-konvenut jingħad li, indipendentement mill-attriċi għandhiex jew le dritt għas-serviġi "in toto" jew "in parte" reklamati, huwa fatt illi Monsinjur Scicluna ċirka sena qabel ma miet, u ċjoè għal ħabta ta' April 1938, kien staqsa lill-attriċi tagħmillu l-kont ta' x'kienet tippretendi li għandha tieħu għas-serviġi prestati lill-familja Scicluna, b'mod li sa dik l-epoka kien jirrikonoxxi li l-attriċi seta' kellha xi drittijiet in forza tat-titolu in kwistjoni. In segwitu, bl-ittra tad-19 ta' Novembru 1940, l-attriċi interpellat lill-konvenut

preżenti biex iħallasha għal dawk is-servigi, u meta ma ħallashiex kif hija kienet tippretendi li kellha dritt, fit-30 ta' Marzu 1944, mexxiet 'il quddiem il-pretensjoni tagħha b'dina ċ-ċitazzjoni — fattijiet kollha li juru li t-terminu tal-preskrizzjoni kien ġie interrott bil-konfessjoni tal-possibili dritt mill-parti ta' Monsinjur Scicluna jekk l-attriċi kellha dritt għas-servigi;

Illi dwar il-meritu, l-attriċi tippretendi servigi mill-perijodu minnha stess indikat mill-ħabta tad-19 ta' April 1916, sas-27 ta' Novembru 1939. Dawn is-servigi, neħħi dawk li l-attriċi tippretendi għall-perijodu ta' sena u nofs............ huma sporadiċi, kif hija stess ammettiet fix-xhieda tagħha, u għalihom sabet tornakont biżżejjed jekk qatt għamlithom bil-fini tal-ħlas..............; ill' hija qatt ma wriet lill-membri tal-familja Scicluna li riedet tkun kompensata, u l-preżunzjoni tal-kumpens.............. hija newtralizzata mill-familjarità li l-attriċi kellha u kienet tuża ma' l-antiki padruni tagħha, li kienu jittrattaw magħha bħala waħda tad-dar;

Illi mhux biżżejjed li persuna li tkun tat is-servigi ma tkunx tippretendi kumpens fil-ħajja tal-persuna servuta, għaliex tkun trid li dik il-persuna tħallilha xi laxxitu fit-testment tagħha sabiex tkun ammessa r-retribuzzjoni preżunta, speċjalment meta l-persuna li preżumibilment tkun servuta fil-ħajja tagħha turi li trid taqta' kwalunkwe pretiża pendenza mal-pretiża serventi............. Minn dana kwindi jidher li l-attriċi riedet tipprópizja lill-familja Scicluna aktarx milli tkun imħallsa għalihom; u jekk huwa hekk, l-att tagħha unilaterali mhux biżżejjed sabiex jikkrea dritt fiha;

*Omissis;*

Illi dwar is-servigi straordinarji li l-attriċi tippretendi li għamlet fil-marda ta' Vincenza Scicluna, jingħad illi l-attriċi testendihom............ Minn dana jidher li hemm konflitt dwar il-perijodu tas-servigi straordinarji, u kwindi l-attriċi ma ppruvatx il-perijodu li sostniet;

Illi kwantu għar-retribwibilltà ta' dawna s-servigi għall-perijodu riżultat jingħad li l-attriċi tgħid li Vincenza Scicluna riedet li tħallasha, però meta ssemma xi testment hija

(decujus) ma rieditx tagħmlu u l-attriċi qalet li l-marda ħall-liet il-kumpens tagħhom f'idejn Monsinjur Scicluna, li wara li miet l-imsemmija ohtu ta lill-attriċi b'xi ħames liri valur ta' oġġetti............... Milli jidher però, hija kienet tgerger li tippretendi xi ħaġa, għaliex il-Monsinjur, sena qabel ma miet, staqsiha sabiex tagħmillu l-kont ħalli jħallasha ta' dak li kienet tippretendi, kont li hija ma reditx tagħmel, u kien għal-hekk li l-Monsinjur ħafrilha s-somma ta' £8 li kellha tagħtih u staqsiha kienitx b'hekk soddisfatta, u hija rrispondietu affermativament u rringrazzjatu, bla ma semmiet li kien ħaqqha aktar;

Illi rriżulta wkoll li l-Monsinjur, tant lill-konvenut Dr. Giuseppe Vella kemm lil waħda mis-sefturi, urihom bil-kliem ċar u l-fatti mhux anqas ċari li l-attriċi ma kellhiex krediti aktar kontra tiegħu; u fit-testment tas-17 ta' Ottubru 1939, ħalla miktub li huwa kien dejjem ħallas lil Giovanna Caruana..................;

Illi huwa mimnu li d-dikjarazzjoni fit-testment fuq imsemmi, magħmula minn Monsinjur Scicluna, hija espressjoni unilaterali, imma bħala preżunzjoni sempliċi ta' estinzjoni ta' obligazzjoni jew kważi-kuntratt għandu jkollha valur in kwantu hija korroborata.............. Mill-kliem li l-istess Monsinjur kien igħid fuq dina l-estinzjoni lill-Avukat Dr. Giuseppe Vella u kwindi hekk konfermata, dik id-dikjarazzjoni f'att ta' l-aħħar volontà tassumi forza kbira, u turi kemm id-decujus kien previġġenti dwar il-pretensjonijiet ta' l-attriċi li għamlet kif soltu jagħmlu s-servi kollha antiki, li jilludu ruħhom li għandhom jirtu bħal kieku jkunu membri tal-familja tal-mejjet, u ma għandhom xaba' qatt minn dak li jkunu jirċievu fil-ħajja tal-persuna li minnha jkunu jippretendu l-kumpens;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attriċi u l-petizzjoni tagħha, fejn talbet illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, fis-sens li tiġi revokata in kwantu ċaħdet it-talba ta' l-attriċi u konfermata fil-kumplament..............;

Rat ir-risposta ta' l-appellat, fejn talab illi l-appell avversarju jiġi respint bl-ispejjeż, u peress li għamel appell in-

ċidentali, talab illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li huwa ġieb 'il quddiem tiġi milqugħa..............;

*Omissis;*

Tikkunsidra fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Illi skond l-art. 2256 (1) tal-Kodiċi Ċivili, hemm lok għall-preskrizzjoni għalkemm ikun hemm kontinwazzjoni tas-serviġi jew prestazzjonijiet oħra; u skond kostanti ġurisprudenza ta' din il-Qorti, kif ukoll tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, anki f'każijiet reċenti, dik id-dispożizzjoni għandha tiġi anki applikata fil-każ tal-preskrizzjoni kwinkwennali kontemplata fl-artikolu 2261 meta jkun hemm dawk is-serviġi fil-kontinwità tagħhom;

Illi għalhekk, meta sar dak id-diskors riferit mix-xhud Concetta mart Nazzareno Axiak (fol. 33) bejn Monsinjur Scicluna u l-attriċi, il-pożizzjoni ġuridika kienet illi dawk is-serviġi li kienu saru ħames snin qabel kienu preskritti; u peress dak id-diskors sar f'xi April tal-1938, ewwoldiri illi s-serviġi li kienu saru sa April tal-1933 kienu preskritti, għaliex kienu fuqhom għaddew iżjed minn ħames snin. Allura tiġi l-kwistioni prospettata mill-Ewwel Qorti, jekk dawk il-kliem li qal Monsinjur Scicluna kienux tali li jinterrompu l-preskrizzjoni; mhux biss, iżda illi bihom Monsinjur Scicluna ried jirrinunzja għall-preskrizzjoni li kienet ġa maturata;

Tikkunsidra:

Illi Monsinjur Scicluna f'dik l-okkażjoni kien talab lill-attriċi l-kont tax-xogħol li hija kienet għamlet. Dan għandu raġionevolment jiftiehem illi kien jirriferixxi għall-kumpens għal dak ix-xogħol li huwa kien ċivilment obligat iħallas, u mhux għal dak illi ġa kien preskritt, u għalhekk illi huwa fuqu ma kellu ebda obligu jew vinkolu ġuridiku di fronti għall-attriċi. In fatti kieku l-attriċi f'dik l-okkażjoni aċċettat il-proposta ta' Monsinjur Scicluna, u kienet inkludiet dawk il-partiti ġa preskritti, Monsinjur Scicluna kien ikun għadu fid-dritt jirribattilha illi dawk il-partiti huma preskritti u hija għalihom ma għandha l-ebda dritt. Barra minn dan, kif tajjeb issottometta l-appellat, ir-rinunzi huma ta' interpretazzjo-

ni stretta, u għandhom jidhru b'mod ċar u mingħajr ebda ekwivoċità; u minn dak il-kliem tas-suppost debitur ma jista' qatt joħroġ b'mod ċar illi huwa riedi jirrinunzja għall-preskrizzjoni ġa maturata fuq xi partiti, meta kien hemm partiti oħra fil-perijodu ta' ħames snin li għalihom raġjonevolment seta' għamel it-talba tal-kont Monsinjur Scicluna;

Tikkunsidra;

Illi għalhekk il-partiti li huma iżjed minn ħames snin mill-1 ta' April 1938, ċjoè dawk li huma qabel l-ewwel ta' April 1933, huma milqutin bil-preskrizzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mogħtija mill-konvenut appellant għall-partiti ta' serviġi li jirriferixxu mill-ewwel ta' April 1933 lura, u għalhekk, in riferenza għal dak il-perijodu tirrespinġi t-talba ta' l-attriċi u tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell; l-ispejjeż taż-żewġ istanzi in riferenza għal din l-eċċezzjoni jitħallsu in kwantu għal ¾ minn għand l-attriċi u in kwantu għal ¼ mill-konvenut; spejjeż oħra li jirriferixxu għat-talba respinta, kif inhu fuq indikat, jitħallsu minn għand l-attriċi appellanti; u tordna illi l-kawża titkompla in riferenza għall-partiti, jekk hemm mill-ewwel ta' April 1933 'il quddiem; spejjeż riżervati.